**2 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Victoria Camilleri f'isimha u bħala kuratriċi *ad litem* ta' uliedha minuri Omar u Daniel

*versus*

Mahmood Faraj Abdul Kareem

**Manteniment permezz ta' Kuntratt – *Nemo ad Impossibilia Tenetur***

*Il-Qorti eżaminat diversi artikoli tal-Kodiċi Ċivili li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment speċjalment kif dawn ġew emendati.*

*Fil-każ preżenti l-partijiet kienu ftehmu dwar il-manteniment permezz ta' kuntratt.*

*Eventwalment sar impossibbli għall-parti li kienet tħallas li tibqa' tagħti l-ammont li kienet qed tħallas qabel. Sentenza ta' l-1956 qalet li l-alimenti stabbiliti bis-saħħa ta' transazzjoni ma tistax titħassar ħlief bil-kunsens tagħhom. Il-Qorti mxiet mal-massima "Nemo ad impossibilia tenetur".*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ta' l-10 ta' Marzu, 1992, li taqra hekk:

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Billi l-kontendenti kienu miżżewġin, liema żwieġ ġie annullat b'sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 1987; u billi b'kuntratt tat-30 ta' Marzu, 1987, ippubblikat min-nutar Dr. Patrick Critien (Dok. A) u l-konvenut intrabat li jagħti lill-attriċi Lm100 fix-xahar għaliha u Lm50 fix-xahar għall-minuri fuq imsemmija; u billi l-konvenut naqas li jagħmel dan fl-iskadenza tas-27 ta' Lulju, u 22 ta' Awissu, 1989; u billi l-esponenti għandha interess tikkawtela l-ħlas ta' l-alimenti futuri skond il-liġi permezz tal-mandat ta' l-impediment ta' safar;

Talbet li:

1) Il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) alimenti skaduti u mhux imħallsa, flimkien ma' kull skadenza li tkun immaturat sas-sentenza finali ta' din il-kawża; u

2) *Ikun ikkonfermat* l-impediment tal-partenza maħruġ minn *din il-Qorti kontra* l-konvenut fid-29 ta' Awissu, 1989;

*Bl-ispejjeż* kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attriċi, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eċċepixxa:

1) Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eċċipjent dejjem kien puntwali fil-ħlas ta' l-alimenti u ma ħallasx l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni billi hu mhux jaħdem għax marid u fl-14 ta' Ġunju, 1989, għamel operazzjoni f'idu f'*Lister Hospital*, l-Ingilterra kif jirriżulta miċ-ċertifikati hawn annessi mmarkati Dokumenti A, B, Ċ u D u għalhekk ma setax iħallas dak l-ammont u l-attriċi ma *aċċettatx* ammont inqas li kien jippermettilu jħallas *mill-qligħ* li għandu fil-preżent kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi *l-Mandat* ta' Impediment tas-Safar ġie maħruġ *vessatorjament mill*-attriċi billi kif jirriżulta fiċ-ċirkostanzi tal-*kawża*, *l-eċċipjenti* kien dejjem puntwali fil-ħlas u naqas *reċentement* billi ma kienx jaħdem kif intqal qabel u jekk dan *jibqa' in vigore* l-eċċipjenti jitlef l-impjieg u wara żgur ma jkunx jista' jħallas ebda alimenti, li fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu ridotti minħabba li l-eċċipjenti naqaslu l-qligħ kif jidher mill-ittra tat-22 ta' Lulju, 1989, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa Dok. E u għal dan il-fini qed issir il-kontro-talba annessa;

3) Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li fiha huwa, wara li espona:

1) Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Patrick Critien tat-30 ta' Marzu, 1987, huwa obbliga ruħu li jħallas lill-attriċi għaliha u għat-tfal minuri Omar u Daniel, is-somma ta' mija u ħamsin lira Maltija (Lm150) fix-xahar, alimenti, in kwantu għal Lm100 għall-attriċi u in kwantu għal Lm50 għat-tfal;

2) Illi meta sar l-imsemmi kuntratt, l-esponenti kien jaħdem u jaqla' paga tajba u kien jista' jħallas l-ammont minnu assunt;

3) Illi reċentement l-esponenti marad u ma marx għax-xogħol kif jidher mill-ittra tal-kumpanija ADWOC li magħha hu impjegat Dok. E anness man-nota ta' l-eċċezzjonijiet;

4. Illi huwa mar l-Ingilterra, f'*Lister Hospital,* Londra, u fl-14 ta' Ġunju, 1989, huwa ġà operat f'idu kif jidher miż-żewġ ittri annessi man-nota ta' l-eċċezzjonijiet immarkati bħala dokumenti A, B, Ċ u D;

5. Illi minħabba dan il-mard, il-qligħ ta' l-esponenti naqas konsiderevolment u għalhekk iċ-ċirkostanzi tbiddlu mid-data tal-kuntratt sallum;

6. Illi l-esponenti qed isofri minn disabilità permanenti f'idu kif jidher mill-imsemmija ittra tas-7 ta' Ġunju, 1989, Dok. B u għandu jerġa' jmur *Lister Hospital* l-Ingilterra għal aktar osservazzjoni u għandu appuntament għal Jannar, 1990, kif

jidher mill-ittra ta' l-4 ta' Ottubru, 1989, annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet Dok. F;

7. Illi għalhekk hemm lok li l-imsemmi manteniment ta' Lm150 fix-xahar stipulat fil-kuntratt fuq imsemmi, jiġi rivedut billi jiġi ridott skond il-qligħ ta' l-esponenti fil-preżent kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Talab għar-raġunijiet premessi li dina l-Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-qligħ ta' l-esponenti naqas sostanżjalment mid-data tal-kuntratt sallum u għalhekk tbiddlu ċ-ċirkostanzi;

2. Tirrevedi l-imsemmi manteniment ta' Lm150 fix-xahar billi tirriduċi l-ammont ta' alimenti li għandu jitħallas lill-attriċi għaliha u għall-imsemmija tfal minuri f'ammont li jiġi llikwidat minn dina l-Qorti meħud in konsiderazzjoni t-tnaqqis fil-qligħ ta' l-istess esponenti mid-data tal-kuntratt sallum;

Bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut akkompanjanti l-kontro-talba msemmija, kif ukoll ir-relattivi lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokument esebit li però ma ġiex esebit imma saret biss riferenza għal sitt dokumenti li kienu ġà jinsabu fil-proċess;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenut li fiha hija eċċepiet li ġaladarba l-ammont ta' l-alimenti ġie pattwit kontrattwalment, dan ma setax jiġi mibdul ħlief bil-kunsens tal-partijiet. Ebda Qorti ma għandha

ġurisdizzjoni tbiddel it-termini ta' kuntratt, u li bla preġudizzju, il-konvenut kien qed jaqla' $1281 fix-xahar, u li kien indeċenti li jitlob ir-riduzzjoni ta' l-alimenti; għamel ukoll riserva għall-eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attriċi li ġiet ippreżentata ma' l-imsemmija nota ta' l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba, kif ukoll il-lista tax-xhieda relattiva;

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Jannar, 1990, li permezz tiegħu ġie nnominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bħala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 99 *et seq.* tal-proċess u li ġiet minnu debitament ikkonfermata fis-seduta ta' *l-10* ta' Lulju, *1991*;

Rat in-nota ta' riferenzi ppreżentata mill-attriċi fis-6 ta' Marzu, 1991;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ippreżentata mill-konvenut fil-11 ta' April, 1991, u dik ta' kritika għar-rapport peritali ppreżentata fit-13 ta' Novembru, 1991;

Rat il-verbal tad-difensur ta' l-attriċi ta' l-24 ta' Jannar, 1992, li fih iddikjara li ma kienx ser jirrispondi għall-aħħar nota tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi permess taċ-ċitazzjoni odjerna talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammonti ta' manteniment li skadew u dawk li jkunu skadew sas-sentenza, kif ukoll il-konferma ta' mandat ta' impediment tal-partenza li kienet otteniet kontra l-konvenut;

Illi l-konvenut eċċepixxa li kien puntwali fil-ħlas tal-manteniment, sal-mument li ma setax jagħmel dan iżjed minħabba operazzjoni f'idu; eċċepixxa wkoll li l-imsemmi mandat kien inħareġ vessatorjament u li kien ser jitlef l-impjieg bħala konsegwenza; u li l-ammont tal-manteniment kellu fiċ-ċirkostanzi jiġi ridott;

Illi inoltre l-konvenut fil-kontro-talba tiegħu talab li jiġu ridotti l-alimenti wara li jiġi ddikjarat li l-qligħ tiegħu naqas sostanzjalment;

Illi mir-riżultanzi proċesswali deher li l-kontendenti kienu żżewwġu u kellhom żewġt itfal, u wara xi snin iż-żwieġ tagħhom ġie ddikjarat null; proprju tlett (3) ijiem wara dina s-sentenza huma ffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Patrick Critien li fih stabbilew ammonti ta' manteniment li l-konvenut kellu jħallas lill-attriċi għaliha u għall-ulied komuni;

Illi ma jidhirx li hemm dubju dwar dak li ssottomettiet l-attriċi mil-lat fattwali; il-konvenut jidher li qabel ma' dawn il-fatti, però jikkontendi li minħabba li, in segwitu għall-imsemmi kuntratt, huwa ma setax jibqa' jaħdem u jaqla' bħal qabel, l-

attriċi ma messhiex ippreżentat il-mandat ta' impediment tal-partenza, u inoltre li l-ammont ta' manteniment kellu jiġi ridott skond iċ-ċirkostanzi ġodda tiegħu;

Illi l-Qorti eżaminat ix-xiehda mogħtija, id-dokumenti esebiti u n-noti tassew eżawrjenti f'kull sens, ippreżentati mill-konvenut; dawn iż-żewġ noti, waħda ta' erba' paġni u l-oħra ta' għoxrin paġna, sfortunatament ma tantx jittrattaw il-każ mil-lat legali, iżda jappellaw għall-esposizzjoni ta' l-allegata inġustizzja li wieħed għandu jibqa' marbut mat-termini ta' kuntratt minnu ffirmat, anke jekk aktar tard jinqalgħu ċirkostanzi li jfixkluh milli jadempixxi l-obbligi minnu liberament assunti; sfortunatament iċ-ċirkostanzi kollha li jinġiebu quddiem Qorti jridu jiġu msejsa fuq dak li tipprovdi l-liġi u l-interpretazzjoni tagħha mill-Qrati; dan il-konvenut ma għamlux;

Illi l-Qorti fehmet mill-ewwel iċ-ċirkostanzi tal-konvenut li issa ma għadux jaqla' bħal qabel minħabba diżgrazzja li kienet ġratlu, u li issa jrid imantni wkoll mara oħra li żżewweġ f'dan il-perijodu diffiċli ta' ħajtu, wara li ġie ddikjarat null iż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi; fl-aħħar nota tiegħu l-konvenut issottometta li: "fil-waqt li l-konvenut minbarra li jerġa', kważi *ad nauseam jirreferi għad-diversi dokumenti minnu esebiti; seta' forsi jgħid* li anke s-sottomissjonijiet tiegħu ġew ukoll ripetuti "*ad nauseam*" u ħlew ħafna żmien inutili li kull min kellu jew għad ikollu l-ħtieġa li joqgħod jaqra dawk il-paġni kollha li fihom tant u tant ripetizzjonijiet; il-Qorti tifhem li meta parti tispjega b'mod ċar il-każ tagħha biċ-ċirkostanzi rilevanti, ma jintħieġx li terġa' tiġi mfakkra fihom bosta drabi anke fl-istess dokument ippreżentat quddiemha;

Illi fis-seduta peritali tad-9 ta' Mejju, 1990, l-attriċi xehdet

li: "sallum il-konvenut huwa puntwali fil-ħlas ta' l-alimenti – però kif spjegat qabel, dan ġara fil-mori tal-kawża u li l-mandat ta' impediment tas-safar ġie rtirat konformament mal-pagament"; għalhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni peritali li: "il-mertu tal-kawża kien eżawrit apparti l-*capo spese*";

Illi dwar il-punt naxxenti mill-kontro-talba tal-konvenut relattiv għar-riduzzjoni fl-ammont tal-manteniment, il-Qorti tifhem li meta l-partijiet ikunu ffirmaw kuntratt (u dak bejn il-kontendenti jikkontempla bosta ċirkostanzi u jipprovdi dwarhom), dan għandu jkun il-liġi bejniethom; naturalment, il-liġi tipprovdi dwar każijiet li fihom kuntratt jista' jiġi kkunsidrat mill-Qrati; fil-każ odjern ma ġewx imressqa ċirkostanzi simili li jistgħu jinkwadraw ruħhom taħt xi disposizzjoni tal-liġijiet tal-Pajjiż; għalhekk il-konvenut ma ġġustifikax għaliex il-kontro-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi, *in vista* ta' l-imsemmija xiehda ta' l-attriċi, tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tad-domandi attriċi; fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, il-Qorti tiċħad it-tieni kontro-talba u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel waħda;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut";

Rat in-nota tal-konvenuta ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 1992, fejn interpona appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Rat il-Petizzjoni ta' l-Appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fl-24 ta' Marzu, 1992, fejn huwa talab lil dina l-Qorti biex timmodifika s-sentenza appellata, billi tilqa' l-appell tal-konvenut kif magħmula fil-kontro-talba tiegħu, u jekk hemm

bżonn tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-istess konvenut, fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tad-domandi attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-istess attriċi għall-petizzjoni tal-konvenut ippreżentata fit-2 ta' April, 1992, fejn hija ssostni li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Semgħet il-partijiet *tramite* d-difensuri tagħhom;

*Ikkunsidrat:*

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: il-partijiet kienu żżewwġu però wara ċertu żmien dan iż-żwieġ tagħhom ġie annullat b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Marzu, 1987. Minn dan l-allegat żwieġ, twieldu żewġt itfal. Tlett ijiem biss wara s-sentenza u ċjoè fit-30 ta' Marzu, 1987, il-partijiet iddeċidew li jirregolaw ċerti mill-aspetti legali ta' bejniethom u ffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Dr. Patrick Critien biex jagħmlu dan. Il-klawsola rilevanti mill-istess kuntratt li tikkonċerna din il-kawża hija l-klawsola 3 li tgħid hekk:

"Illi għal dan il-fini l-indikat missierhom jobbliga ruħu li għandu jħallas manteniment għal Victoria Camilleri ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar b'effett mid-data tas-sentenza għal tul ħames snin, u għal dak li jirrigwarda l-ulied minuri fuq imsemmija, il-missier għandu tul dawn l-istess ħames snin jgħaddi lill-indikata Victoria Camilleri għan-nom ta' uliedha, is-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar;

Għal dak li għandu x'jaqsam wara l-ħames snin imsemmija, il-missier jobbliga ruħu li jgħaddi lill-indikata Victoria Camilleri, dejjem għan-nom ta' l-istess ulied minuri, is-somma ta' mija u ħamsin lira Maltija (Lm150) fix-xahar sakemm l-iżgħar minn uliedu jagħlaq it-tmintax-il sena'';

Għal ċertu żmien jidher li ma kien hemm l-ebda problema u l-missier, effettivament, ivversa l-alimenti miftehma permezz ta' *'standing order'* maħruġa mill-*Bank of Valletta*. Wasal żmien però li huwa naqas milli jħallas żewġ skadenzi u ċ-ċitazzjoni odjerna bdiet proprju b'talba għall-ħlas għal dawn l-istes żewġ skadenzi, u għall-konferma ta' Impediment tas-Safar li kienet ħarġet l-istess attriċi kontra l-konvenut, biex tissalvagwarda l-ħlas ta' dawn iż-żewġ skadenzi u għal alimenti futuri;

Fil-kontro-talba tiegħu, il-konvenut jgħid li hu m'għadux f'posizzjoni li jkompli jħallas l-alimenti kif miftehma peress li hu għandu diżabilità permanenti li minħabba fiha kellu jitlaq, jew ġie mitmum, l-impjieg li kellu qabel, u issa kien qed jaħdem f'impjieg hawn Malta b'paga ferm inqas minn dak li kellu fiż-żmien f'liema hu kien iffirma l-kuntratt fuq imsemmi. Bħala fatti jirriżulta li l-istess konvenut kellu inċident f'idejh fl-1980 u baqa' jaħdem fix-xogħol li kellu dak iż-żmien, però dan il-korriment f'idejh kompla, kellu jiġi operat kemm-il darba u dawn iċ-ċirkostanzi wasslu biex fis-7 ta' Mejju, 1990, l-impjieg li huwa kellu ma' l-*Arab Drilling and Workover Company* ġie tterminat. L-ittra relevanti hija dik immarkata bħala Dok. AK(2) li tinsab a fol. 74 tal-proċess li tgħid:

*''This is to certify that Mr. Mahmoud F. Abdulkarimi had been employed by the Arab Drilling and Workover Company of Libya since September, 1978;*

*He is now released from the Company having suffered an injury in his arm which rendered him physically incapable of performing his job as a mechanic";*

Wara li hu reġa' żżewweġ huwa sab impjieg Malta mas-Soċjetà *George Xuereb Limited*, fejn irriżulta skond ċertifikat maħruġ minn din il-kumpanija a fol. 83 tal-proċess, li l-paga tiegħu, jew ċjoè dik il-parti tal-paga li hu jieħu f'idejh hija ta' ħamsa u erbgħin lira Maltija, punt tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm45.42ċ). Ma jidhirx li fuq dawn il-fatti hemm xi kontestazzjoni u għalhekk din il-Qorti trid teżamina l-punti legali involuti;

L-attriċi qed issostni li huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi preżenti tal-konvenut, huwa b'mod konsenswali kien intrabat li jħallas alimenti lilha u lit-tfal minuri tagħhom, u m'għandu ebda dritt li jirtira minn dina l-obbligazzjoni tiegħu. Il-konvenut *invece* jsostni li dan huwa impossibbli għalih; li meta huwa ffirma l-kuntratt, iċ-ċirkostanzi tiegħu kienu totalment differenti mil-lat finanzjarju minn dawk li huma llum, u li għalhekk huwa m'għandux ikun obbligat biex iħallas din is-somma, però hija għandha tiġi mnaqqsa skond iċ-ċirkostanzi preżenti tiegħu;

Din il-Qorti tifhem is-sitwazzjoni delikata ta' l-istess konvenut, u tixtieq tagħmel ġustizzja miegħu, iżda dan jista' jsir biss f'parametri li tippermetti l-liġi;

Fl-istadju tal-Prim'Istanza, l-unika sottomissjonijeit legali li għamel l-istess konvenut kienu b'mod l-aktar ġeneriku, u huwa bbaża l-argumentazzjoni tiegħu aktar fuq emozzjoni u sentiment milli fuq punti ta' liġi. Kien forsi għalhekk li sew il-perit legali mqabbad mill-ewwel Qorti, sew l-istess l-ewwel Qorti, ma tawx

raġuni lit-teżi ta' l-istess konvenut. L-attriċi *invece*, dejjem ibbażat il-każ tagħha fuq l-artikolu 993, sub-artikolu (1) tal-Kodiċi Ċivili, u fuq is-sentenza tal-Prim'Istanza fl-ismijiet "Galea *vs* Galea" deċiża fis-26 ta' Frar, 1956, li tgħid fil-ġist tagħha, li l-promotur ta' l-alimenti stabbiliti bis-saħħa ta' transazzjoni, hija liġi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax titħassar ħlief bil-kunsens tagħhom jew għar-raġunijiet validi skond il-liġi għal kawżi stabbiliti għall-impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, għalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kontrattwali ma tistax titħassar jew tinbidel, ħlief bil-volontà tal-kontraenti. Huwa ta' min jgħid li dan il-każ ittratta talba għal awmenti ta' l-alimenti wara bdil f'ċirkostanzi u mhux għal diminuzzjoni. Minkejja li l-attriċi tikkwota l-artikolu 993 sub-artikolu (2) hija bilfors qiegħda tirreferixxi għall-artikolu 992 sub-artikolu (2), u mhux 993 liema artikolu 992 sub-artikolu (2) jgħid hekk:

"Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi";

u dan wara li s-subartikolu (1) jgħidilna li:

"Il-kuntratti magħmulin skond il-liġi, għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom";

L-ewwel punt legali kkwotat mill-istess konvenut fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu hija referenza għall-artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

"Id-debitur mhux obbligat għad-danni jekk hu ma setax jagħti jew jagħmel il-ħaġa li jobbliga ruħu li jagħti jew li jagħmel

jew għamel il-ħaġa li ma kellux jagħmel minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident'';

Mingħajr ma l-Qorti tidħol jekk il-każ preżenti kien riżultat ta' forza maġġuri għalkemm hija forsi minħabba aċċident, din il-Qorti trid u bil-fors taqbel ma' dak li tgħid l-istess attriċi fir-risposta tagħha għall-petizzjoni, li fil-każ preżenti, m'aħniex qed nitkellmu fuq danni riżultanti min-nuqqas ta' obbligazzjoni li daħal għaliha l-konvenut;

L-ebda waħda mill-partijiet f'din il-kawża ma dehrilha li kellha tħares lejn il-provvedimenti tal-liġi li proprju jitkellmu fuq manteniment, sew dak il-provvedimenti li ilhom żmien twil jeżistu fil-Kodiċi Ċivili tagħna, kif ukoll dawk il-provvedimenti li ġew immodifikati jew alterati bl-Att XXI ta' l-1993. L-artikolu 21 sub-artikolu (1) hekk jipprovdi:

''Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-każ'';

Aktar relevanti huwa l-artikolu 32 ta' l-Att XXI fuq imsemmi li emenda l-artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili li fis-subartikolu 7, kif emendat, jipprovdi:

''Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-każ'';

F'dawn iż-żewġ artikoli l-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni

bejn il-manteniment "*ex lege*" jew dak "*ex contractu*";

Minkejja illi jeżisti l-prinċipju ġenerali tal-liġi li fejn l-istess liġi ma tiddistingwix m'għandux jiddistingwi l-ġudikant, però, m'hemmx dubju illi '*prima facie*' l-leġislatur m'huwiex qiegħed hawn jitkellem fuq l-alimenti pattwiti, u għalhekk, dan il-prinċipju m'għandux japplika għall-provvediment speċifiku tal-liġi kif ipprovdut fl-artikolu 992 fuq imsemmi;

Dan il-provvediment, però, huwa fih innifsu soġġett għal prinċipju ġenerali ieħor tal-liġi tagħna, u ċjoè dak ta' '*nemo ad impossibilia tenetur*', billi huwa manifest illi ħwejjeġ impossibbli ma jistgħu qatt ikunu oġġett ta' kuntratt – tirrikorri meta tirrikorri dik l-impossibbilità – art. 985 Kap. 16 – skond il-prinċipju tal-*jus superveniens*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-prinċipju għandu jkollu applikazzjoni aktar ampja f'kamp tal-liġi bħall-preżenti. Il-prinċipju ġenerali ta' l-alimenti huwa bbażat fuq il-mezzi tal-partijiet rispettivi. Dan l-istat huwa dak li jiġi rifless fil-kuntratt konsenswali u huwa f'dan il-kuntest li għandu jkollu applikazzjoni dan il-prinċipju;

Biex però proprju ssir ġustizzja, legali u morali din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-maġġor part tal-manteniment li għandu jiġi mħallas, huwa għall-ulied minuri u mhux għall-mara, *stante* li mil-Lm150, dik il-parti li hija għall-mara tapplika biss fl-ewwel ħames snin mill-kuntratt ta' separazzjoni. Din iċ-ċirkostanza, fl-opinjoni tal-Qorti għandha tiġi meqjusa serjament, għax minkejja li dan huwa żwieġ annullat, m'hemmx dubju ta' responsabbilità tal-kovnenut, u s-sagrifiċċju li hu għandu jagħmel biex imantni lil uliedu minuri;

Għaldaqstant, din il-Qorti jidhrilha li għandha tirriforma

s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar it-talbiet attriċi, però tilqa' l-appell dwar il-kontro-talba u tnaqqas il-manteniment dovut minn mija u ħamsin lira (Lm150) għal mitt lira (Lm100) fix-xahar, bl-istess modalitajiet kif stipulati fil-kuntratt konsenswali fuq imsemmi. *Stante* n-natura speċjali tal-każ, dan it-tnaqqis għandu jseħħ millum, u m'għandux jaffettwa l-alimenti ġà dovuti, u li, għall-kumplament ta' l-ewwel ħames snin, għandu jinqasam ugwalment bejn il-mara u t-tfal, u sussegwentement jgħaddi kollu għal fuq it-tfal;

Dwar l-ispejjeż, dawk tal-prim'istanza għandhom jiġu sopportati kollha mill-konvenut, dawk ta' l-appell għandhom jinqasmu bejn il-partijiet.